A.L. 26 ta' l-1980

ATT TA' L-1962 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

(ATT NRU. 1 TA' L-1962

Ordni ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarju tad-Direttur ta' Verifika u għandu jkollu effett skond id-dati speċifikati fl-artikolu 2 ta' hawn taħt.

Reviżjoni tas-salarju tad-Direttur ta' Verifika.

2. Bla ħsara għall-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att, għandu jitħallas lid-Direttur ta' Verifika, minflok is-salarju preskritt f'dak is-subartikolu, is-salarju ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u ħamsin lira b'seħħ mit-18 ta' Novembru, 1979, tlett elef, ħames mija u sitta u ħamsin lira b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1980, u tlett elef, sitt mija u tmien liri b'seħħ mill-1 ta' Frar, 1980.